*Azzjoni ghal hlas ta' dejn*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2018**

**Numru 4**

**Rikors Numru 437/17TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Avukat Dr. Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello li b'digriet tal-15 ta' Gunju 2017 gew nominati bhala kuraturi depuati biex jirraprezentaw lill-assenti Kristina Ilcenkaite (k.I. 61414A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-Socjeta` HSBC Bank Malta plc (C3177) ipprezentat u mahluf fis-16 ta' Mejju 2017 mill-Avukat Ralph Agius Fernandez, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi l-konvenuta Kristina Ilcenkaite hija debitrici tal-Bank rikorrenti fl-ammont ta' mitejn disgha u tletin Elf u disgha mija u ghaxar Ewro u zewg centezmi (€239,910.02c) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal mija u erbgha u sebghin elf u disgha mija u tmienja u sebghn Ewro u sebgha u sebghin centezmi (€174,978.77c) bilanc minn somma akbtar lilha mislufa skont att tan-Nutar Keith Ryan Calleja tad-19 ta' Settembru tas-sena 2011 (Dok. A)(Home Loan Account numru 16129691) kif ukoll skont Sanction Letter datata 6 ta' Settembru 2011 (Dok B.) u l-bilanc ta' erbgha u sittin elf u disgha mija u wiehed u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€64,931.25c) jikkonsisti f'imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess ammont sad-9 ta' Marzu 2017 kif jidher mill-Isatement hawn anness Dok. C, oltre l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Marzu 2017 sal-pagament effettiv;

2. Illi l-konvenuta ilha moruza f'pagamenti koncernanti l-istess kont u l-istess self. Giet interpellata diversi drabi permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Awwissu 2012 (Dok. D) u ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Ottubru 2012 numru 2869/2012 kif debitament notifikata (Dok. E) izda xorta baqghet inadempjenti;

3. Illi ghalhekk, il-Bank rikorrenti qieghed jipprocedi permezz tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, il-Bank rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, joghgobha:

1) Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici fis-somma ta' mitejn u disgha u tletin Elf u disgha mija u ghaxar Ewro u zewg centezmi (€239,910.02c) dovuta kif qabel spjegat;

2) Tikkundanna lill-konvenuta thallas l-imsemmija somma globali ta' disgha u tletin Elf u disgha mija u ghaxar Ewro u zewg centemzi (€239,910.02c);

3) Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-Bank attur l-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mid-9 ta' Marzu 2017 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tad-29 ta' Awwissu 2012 u tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2012 kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati in rapprezentanza tal-Konvenuta assenti Kristina Ilcenkaite prezentata fit-3 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha

eccipew li huma mhux edotti mill-fatti fil-waqt li irriservaw id-dritt li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li giet imressqa mill-Bank Attur;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti nkluz l-affidavit tal-Konvenuta;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Gunju 2018, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Il-fatti li jirrizultaw mill-atti tal-kawza juru li bis-sahha ta' kuntratt datat 19 ta' Settembru 2011 fl-atti tan-Nutar Keith Ryan Calleja (a` fol 5), il-Bank Attur silef lill-Konvenuta s-somma ta' €176,000. Skont il-kuntratt imsemmi, minn dan l-ammont €126,000 kellu jintuza bhala hlas tal-prezz ghall-proprjetá akkwistata mill-istess Konvenuta permezz tal-kuntratt imsemmi minghand certu Alexander Boicuiuc. Is-somma rimanenti ta' €50,000 kellha tintuza ghal skopjiet personali tal-istess Konvenuta.

Fit-termini ta' dak provdut fis-*sanction letter* (a` fol 16), dan is-self kellu jithallas fi 360 pagamenti mensili ta' €820.55 liema ammont jinkludi wkoll l-imghax. Il-Bank irrizerva d-dritt li jitlob il-hlas tal-bilanc tas-somma kollha

dovuta lilu fi kwalunkwe zmien malli l-konvenuta tigi notifikata permezz ta' ittra ufficjali b'xi morozita` ta' pagament, fost inadempjenzi ohra, u l-Konvenuta tonqos milli tirregolarizza l-posizzjoni taghha fi zmien hmistax il-jum mid-data tan-notifika tal-istess (ara kuntratt a` fol 6 u sanction letter a` fol 16).

B'ittra legali datata 29 ta' Awwissu 2012 (a` fol 20), il-Bank Attur interpella lill-Konvenuta thallas sat-28 ta' Awwissu 2012 is-somma ta' €3,299.67 rapprezentanti arretrati dovuti lill-istess Bank in konnessjoni mas-self imsemmi. Din l-ittra giet segwita b'ittra ufficjali prezentata fit-30 ta' Ottubru 2012 (a` fol 21) permezz ta' liema l-Bank Attur rega' nterpella lill-Konvenuta thallas fi zmien jumejn is-somma ta' €4,281.66 rapprezentanti arretrati hekk dovuti. Il-Konvenuta izda baqghet inadempjenti u ghalhekk il-Bank Aattur istitwixxa dawn il-proceduri odjerni.

**Punti ta' Ligi**

Din hija azzjoni ghall-hlas ta' bilanc ta' kreditu dovut bis-sahha tal-kuntratt fuq imsemmi datat 19 ta' Settembru 2011. Permezz ta' dawn il-proceduri il-Bank Attur qieghed jitlob il-hlas tal-bilanc kollu tas-self moghti lill-Konvenuta, inkluz l-imghaxijiet, ghaliex jghid li l-istess ma zammitx mal-obbligazzjonijiet li ntrabtet bihom fil-kuntratt ta' self minhabba morozita` fil-pagamenti.

**Konsiderazzjonijiet**

Fl-affidavit taghha a` fol 77 il-Konvenuta ma tikkontestax il-kreditu mitlub. Ghall-kuntrarju tistqarr li taf b'dan id-dejn u li ma setghetx tkompli thallas il-pagamenti mensili ghaliex hi u s-sieheb taghha ma baqghux jaqilghu bizzejjed minn xogholhom li jippermettilhom jibqghu ihallsuh. Raguni ohra li l-Konvenuta semmiet ghan-nuqqas ta' hlas minnha huwa l-allegat qerq ta' Alexander Boiciuc li kien bieghlhom il-proprjetá. Skont il-Konvenuta, hija istitwiet flimkien mal-bank proceduri gudizzjarji kontra Alexander Boiciuc filwaqt li l-Bank iffriza l-assi tieghu Il-Konvenuta tghid ukoll li l-assi msemmija ghandhom jigu trasferiti fil-kont tas-self taghha a saldu tal-istess. Il-Qorti ghamlet ir-ricerki taghha fuq is-sistema pubblika u generali fuq is-sit elettroniku tal-kawzi pendenti. Il-Qorti ma rrizultalhiex dak li allegat il-Konvenuta li kienet ghamlet kawza flimkien mal-Bank kontra l-imsemmi Alexander Boiciuc. Jirrizulta li hemm kawza wahda fl-ismijiet "HSBC Bank Malta plc vs Alexander Boiciuc u Tomas Mikalauskas, Rikors numru 175/13, li giet prezentata fil-21 ta' Frar, 2013. Lanqas ma rrizulta lil din il-Qorti li nbdiet xi kawza mill-Konvenuta jew li l-Konvenuta hija parti ghal xi kawza kif spjegat.

Imma anke kieku stess, fil-fehma tal-Qorti din ir-raguni ma sservix biex tibdel il-qaghda legali tal-Konvenuta mal-Bank Attur biex tinheles mir-responsabbilita` ghall-hlas lill-Bank Attur mill-ammonti li qeghdin jintalbu fil-

kawza odjerna. Di piu`, bl-assenza taghha minn Malta tant li kellhom jinhatru kuraturi biex jirraprezentawha, il-Konvenuta ma ghenet xejn lilha nnifisha. Il-fatt li l-kuraturi diga` kienu ghamlu l-eccezzjonijiet inizjali taghhom, il-Konvenuta tilfet l-okkazjoni li taghmel xi xorta ta' kontro-talba. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 398(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ma jimporta ebda nuqqas da parti tal-kuraturi meta jaghmlu r-risposta taghhom ghaliex qatt ma jistghu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu kontro-talba meta ma jkunux ghadhom edotti mill-fatti.

Ghalhekk it-talbiet tal-Bank Attur jirrizultaw misthoqqa u l-Qorti sejra tilqaghhom.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi l-Konvenuta hija debitrici fis-somma ta' mitejn u disgha u tletin Elf u disgha mija u ghaxar Ewro u zewg centezmi (€239,910.02);

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-Konvenuta thallas l-imsemmija somma globali ta' disgha u tletin Elf u disgha mija u ghaxar Ewro u zewg centezmi (€239,910.02);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-istess Konvenuta thallas lill-Bank Attur l-imghax ulterjuri tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq dovut mid-9 ta' Marzu 2017 sal-pagament effettiv.

L-**ispejjez** tal-kawza jithallsu mill-Konvenuta b'riserva ghal kull azzjoni li l-Konvenuta jista' jkollha kontra terzi.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**